MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1078/2008

**Ashraf El Khabuli (37368A)**

**VS**

**Frank Cachia (397657M)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Ashraf El Khabuli tas-27 t'Ottubru 2008, li jaqra hekk:

*1. "Illi l-attur jopera fis-suq lokali principlament fis-settur tal-catering u jiggestixxi restaurant f'Wied il-Ghajn liema restaurant jispecjalizza fil-kcina Azjatika u tal-Medju Orjent;*

*2. Illi r-restaurant tar-attur ghandu l-isem "Shisha";*

*3. Illi l-attur jiggestixxi dan ir-restaurant f'ismu personali u ilu jopera b'dan il-mod mill-2006 meta kien beda jaghmel il-preparamenti sabiex jinfetah ir-restaurant surreferit;*

*4. Illi l-attur gie mgharraf li l-konvenut kien ressaq applikazzjoni ghand id-Direttorat tar-Registrazzjoni ta' proprjeta industrijali fl-20 ta' Dicembru, 2006 fejn talab li l-isem "Shisha World Cuisine" jigi registrat f'isem l-konvenut;*

*5. Illi tali applikazzjoni giet milqugha u l-isem gie registrat f'isem l-konvenut;*

*6. Illi l-attur kien jaghmel uzu mil-kelma "Shisha" in relazzjoni mar-restaurant minnu gestit ferm qabel ma l-konvenut ghamel l-applikazzjoni u ottjena r-registrazzjoni ta' l-istess kelma mad-Direttorat tar-Registrazzjoni ta' Proprjeta` Industrijali kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;*

*7. Illi l-attur gie inibit milli jutilizza l-kelma "Shisha" fir-restaurant fuq imsemmi kif ukoll b'kull mod u f'kull lok iehor u dan permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1330/2008 AJM;*

*8. Illi L-agir tal-konvenut qed jikkawza dannu ingenti lill-attur u kif ukoll jikkostitwixxi konkorrenza slejali da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attur ai termini ta' l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc u dan peress li l-uzu mill-konvenut ta' l-isem "Shisha" jista' jikkreja konfuzjoni mal-attivita' kummercjali tal-attur u dan meta l-attur kien diga' jaghmel uzu minn dan l-isem ossia "Shisha" qabel l-konvenut.*

*Jghid ghalekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

1. *Tiddikjara u tikkonferma illi l-attur kien jaghmel uzu mill-isem "Shisha" qabel l-applikazzjoni u r-registrazzjoni maghmula favur il-konvenut mid-Direttorat tar-Registrazzjoni tal-Proprjeta Industrijali; u*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-isem li bih jopera l-konvenut u cjoe "Shisha World Cuisine" jikkostitwixxi ghar-ragunijiet imressqa konkorrenza zlejali; u*

3. *Tinibixxi lill-konvenut milli jopera aktar b'dak l-isem; u*

4. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel dak kollu necessarju sabiex fi zmien qasir u perentorju jiddistruggi jew jeqred il-kliem "Shisha" u kif ukoll jibdel l-isem li bih jopera u/jew li bih qed jikkawza konkorrenza zlejali fil-konfront tal-attur; u*

5. *Tordna kull rimedju iehor li jista' skond ic-cirkostanzi jnehhi l-effetti tal-att li bih saret il-konkorrenza zlejali; u*

6. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik il-penali li tigi stabbilita' mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc, Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni, u b'riserva ghall-kull azzjoni ohra skond il-ligi li tispetta lill-attur"*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimat;

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimat Frank Cachia tat-18 ta' Dicembru 2008 li taqra hekk:

*"1. Illi huwa minnu li l-attur qieghed jopera fis-suq lokali fis-settur tal-catering u jiggestixxi restaurant f'Wied il-Ghajn li jispecjalizza fi kcina Azjatika, Araba u Mediterranja izda dan wara li dan l-istess restaurant kien gie kkrejat u sussegwentement gestit u operat minn assocjazzjoni ta' negozju ffurmata bejn l-istess attur u l-konvenut, liema assocjazzjoni ta' negozju giet unilaterlament abuzivamment u illegalment itterminata mill-attur u li dwar din ic-cirkostanza hemm kawza pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta.*

*2. Illi ma huwiex minnu li r-restaurant li ghalih qieghdha ssir riferenza fir-rikors tal-attur kellu fil-mument tal-prezentata tar-rikors odjern l-isem "Shisha", u dan billi skond digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Settembru, 2008 kif diversament ippreseduta moghti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1330/2008/1 fl-ismijiet "Frank Cachia vs Ashraf El Khabuli", t-talba tar-attur f'dawk il-proceduri u konvenut f'din il-kawza ghall-hrug ta' l-*

*opportun mandat ta' inibizzjoni sabiex jigi inibit u mwaqqaf l-uzu ta' l-isem "Shisha" kienet giet milqugha u akkolta. L-attur infatti ilu mill-4 ta' Settembru, 2008 prekluz milli juza l-isem "Shisha" fir-restaurant indikat fir-rikors odjern.*

*3. Illi ma huwiex minnu li r-restaurant li ghalih issir riferenza fir-rikors odjern kien gestit unikament mill-attur mill-2006 u dan jista' jigi facilment pruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*4. Illi huwa minnu li l-konvenut ghandu registrati f'ismu numru ta' trademarks kontenenti l-isem "Shisha" fost kliem iehor u kien proprju in virtu` ta' dan li l-attur huwa prekluz milli jaghmel uzu mill-isem "Shisha".*

*5. Ma huwiex minnu li l-attur kien jaghmel uzu mill-kelma "Shisha" in relazzjoni mar-restaurant oggett ta' dawn il-proceduri qabel ma' gew irregistrati it-trademarks kontenenti l-isem "Shisha" u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*6. Illi l-agir tal-konvenut li jwaqqaf lill-attur milli juza l-isem "Shisha" ma jistax jikkawza danni li qatt jistghu jigi mputabbli lill-konvenut u dan billi l-konvenut qieghed jagixxi skont drittijiet li taghtih il-ligi f'tema ta' protezzjoni ta' trademark. L-istess jista' jinghad dwar l-allegata konkorrenza sleali. Sabiex ikun hemm konkorrenza sleali irid ikun hemm atti ta' konkorrenza bejn il-kontendenti, atti li certament huma ineziztenti billi la l-attur ma huwa qieghed juza l-isem "Shisha" u sahansitra lanqas jista juzah in virtu tal-ordni tal-Qorti fuq riferita u lanqas l-konvenut minn-naha tieghu ma huwa fil-present u ghalissa jaghmel uzu mill-isem "Shisha".*

*7. Illi dwar t-talbiet kontenuti fir-rikors tar-attur huma kollha legalment irritwali u fattwalment u legalment insostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur u dan ghar-ragunijiet hawn taht indikati:*

*7.1. L-azzjoni ta' konkorrenza sleali ma' tistax tannulla l-ezistenza, l-effetti u l-konsegwenti drittijiet legali marbuta ma' trademark debitament u formalment registrata ghad illi sabiex dan isir u cjoe tigi dikjarata invalida u kkancellata trademark registrata hemm prevista azzjoni appozita fl-Att dwar it-Trademarks – Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*7.2. Barra minn dan ma jista' qatt jigi deciz u dikjarat li l-uzu mill-konvenut ta' l-isem "Shisha" jikkostitwixxi konkorrenza sleali billi fl-ewwel lok l-konvenut ma huwiex prezentement jaghmel uzu mill-isem "Shisha" u fit-tieni lok l-istess attur huwa projbit milli jaghmel uzu mill-isem "Shisha" sakemm ma jigix revokat id-digriet fuq imsemmi li permezz tieghu huwa gie inibit milli jaghmel uzu ta' dak l-isem.*

*7.3. L-intimat ma jista' qatt jigi inibit milli jopera bi u jaghmel uzu minn isem li huwa debitament, formalment u legalment proprjeta tieghu sakemm ir-registrazzjoni ta' tali proprjeta intelletwali ma tigix dikjarata invalida u revokata u dan in virtu ta' procedura approzita fuq riferita.*

*7.4. Dwar ir-rimedji miltuba u l-hlas ta' penali jinghad illi dawn ir-rimedji u hlas ta' penali jistghu biss isehhu jekk jigi prruvat li sehhet konkorrenza sleali li allura tippresupponi l-esistenza qabel xejn ta' konkorrenza. Kif diga gie precedentement indikat ma' hemm ebda hjiel ta' konkorrenza u wisq allura ta' xi konkorrenza sleali.*

*8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-verbal tas-27 ta'Jannar 2009 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Perit Legali Dr. Charmaine Galea illum Magistrat (a fol.21);

Rat ir-rapport minnha prezentat fis-7 ta'Frar 2012 u mahluf fis-27 ta'Marzu 2012 (a fol. 362);

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet ta' Ahsraf El Khabuli tat-18 ta'Novembru 2011 ( a fol.341);

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat Frank Cachia tal-24 ta' Novembru 2011 (a fol. 352);

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-Perit Legali prezentati u mahlufa fis-26 ta' Marzu 2013 ( a fol. 397);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-attur, fl-affidavit tieghu, a fol. 256 et seq, in succint jghid illi kien ilu jaf lill-konvenut ghal diversi snin. Illi lejn l-ahhar tas-sena 2006 u l-bidu tas-sena 2007 kien beda jahseb biex jiftah restaurant u kien kellem lill-konvenut fuq l-istess ideja peress li dan kellu jirrifondi xi flus li kien sellfu. Eventwalment il-konvenut kien tah *endorsed cheque* fl-ammont ta' Lm20,000.

Huwa jispjega li fetah il-hanut in kwistjoni lejn l-ahhar ta' Gunju tas-sena 2007 u li l-konvenut kien qed jigbed xi ammonti mill-Lm20,000 li kien tah peress li kellu c-cavetta tal-internet banking, liema cavetta kien dejjem jirrifjuta li jaghtihielu tant li kellu jmur il-Bank biex iwaqqaf l-istess.

Jispjega illi huwa kien kellem lill-konvenut dwar l-ideja tieghu tar-*restaurant* bl-isperanza li jiehu lura l-flus li kien sellfu. Jghid li qatt ma kien sar xi diskors bejniethom li r-*restaurant* kellu jinfetah bi shab jew li l-konvenut kien ser jkollu x'jaqsam mieghu, anzi l-attur jafferma li ma riedx ikollu x'jaqsam xejn affatto mal-konvenut.

Pero fil-preparazzjoni ghall-ftuh tal-istess restaurant u anke wara li infetah l-istess restaurant, il-konvenut kien ikun fuq il-post regolarment. L-attur jghid li dak li kien jaghmel il-konvenut fir-*restaurant* kien jaghmlu minn jheddu u gieli anke kien jaghlaq il-*cash* u jaghmel l-*end of day*. Jghid ukoll illi kemm dam il-konvenut ikollu access ghall-*cash register* kien isib il-flus neqsin u ma kienx jaqbel.

Meta l-attur urih li ma kellux iktar pjacir bih fir-restaurant, il-konvenut kien heddu li se jaghmillu xi hsara. Jispjega li kienu jmorru kredituri jitolbu flus lill-konvenut u anke kienu qed imorru xi nies jieklu b'xejn fir-*restaurant* sabiex il-konvenut biex jaqta' mid-dejn li kelllu maghhom.

Fir-rigward tal-isem tar-restaurant, l-attur jghid li l-isem "Shisha" kienet ideja tieghu wahdu u li apparti li kienet parti integrali mill-kultura tieghu, huwa kien ra *restaurants* simili barra minn Malta u kienet ghogbitu l-ideja. Meta kien semma l-isem lill-konvenut, huwa kien qallu li neputih jaf jiddisinja bil-kompjuter u kien laqqghu mieghu. Wara li ddeskrivielu l-istampa li kien haseb fuqha, n-neputi tal-konvenut kien ipprepara stampa elettronika ta' dak li kellu f'mohhu. Fir-rigward tad-dekorazzjoni u atmosfera tar-*restaurant*, l-attur jghid li dan ghamlu kollu wahdu, u sahansitra xtara xi oggetti huwa stess mil-Libja.

Fir-rigward tar-registrazzjoni tal-isem "Shisha", l-attur jghid li kienu marru hu, Antoinette Schembri u l-konvenut u kien il-konvenut biss li dahal wahdu. Kien biss wara li il-konvenut fetah kawza kontrih, li sar jaf li l-isem ma kienx irregistrat f'ismu u dan peress li kien assuma li la l-ideja kienet tieghu l-isem kien se jirregistrah f'ismu. Dan hasbu peress li kellu diga registrat in-numru tal-VAT fuq l-isem "Shisha" fuq ismu.

Jispjega li kien dejjem hu li ha hsieb l-affarijiet kollha relatati mal-gestjoni tal-istess hanut u kien hu biss li hareg il-flus ghan-negozju.

In kontro-ezami a fol. 314 et seq., l-attur xehed illi l-flus imsemmija fl-affidavit li kien sellef lill-konvenut, **fil-fatt kien self da parti ta' missieru pero ma jiftakarx meta sar dan is-self. Mistoqsi x'kien l-iskop tal-Lm20,000 huwa qal biex jaghmlu *restaurant*.** Xhed ukoll illi l-*business* tar-*restaurant* ma bdiehx biss bl-Lm20,000 **imma kien gab ukoll flus mil-Libja** u ha *loan* mill-BOV. Hu jghid li dawn l-Lm20,000 kienu gew depozitati f'kont bankarju f'ismu li **pero l-konvenut kellu access ghalih bl-*internet key* u li minnu l-konvenut kien gibed il-maggor parti tal-flus. Jispjega li l-ammont ta' self li l-konvenut kellu jaghti lil missieru kien ta' Lm70,000**.

Mistoqsi 'l ghaliex fl-affidavit jitkellem fil-plural, huwa spjega li ma kienx qieghed jirreferi ghall-konvenut imma ghal nies ohra.

L-attur xehed li qabel ma kecca lill-konvenut definittivament mir-*restaurant* l-konvenut kien ha Lm3000 mill-kont. Spjega wkoll illi l-konvenut ma kellux paga mir-*restaurant* imma kien jiehu l-flus mill-kont. Huwa qal li jista' jkun li l-kwistjonijiet bejniethom inqalghu f'Lulju 2008.

L-attur jghid illi, huwa iltaqa'ma Miguel Cachia neputi tal-konvenut iktar minn darba. Jghid li d-disinn l-iktar li haduh mill-*internet* pero kulhadd ta l-idea tieghu. Xehed ukoll li kien ha ideat minn postijiet li hu kien ra barra minn Malta. L-attur xehed li l-konvenut kien ikun prezenti fil-laqghat ma' Miguel. Huwa ma jaqbilx ma' dak li xehed l-istess Miguel li qal li qatt ma ltaqa' mieghu fuq il-kwistjoni tal-isem. L-attur jghid li l-konvenut ghenu fl-ideat perezempju ta' dawl u mwejjed.

L-attur jghid li ma kienx jaf li l-konvenut kien ha jirregistra l-isem fuq ismu ghax il-flus u d-*decorations* kienu tieghu. Hu jghid li ma insistiex li jidhol mieghu id-Dipartiment biex jirregistra t-*trade mark* peress li ma issuspettax li kien se jirregistrah fuq ismu. Huwa ma kienx qal direttament lil konvenut *"Irregistrah fuq ismi"* ghax hadha li hekk kien se jsir. L-attur jghid li kien talab lill-konvenut diversi drabi ghax l-karti kollha li kellhom x'jaqsmu man-negozju pero l-konvenut ma riedx jaghtihomlu.

Fir-rigward ta' *tips* tal-hanut jghid li fil-bidu hu ma kienx jiehu minnhom pero wara beda jiehu. Stqarr li ma kienx jaf jekk Frank kienx jiehu *tips.*

L-attur ikompli jghid illi l-konvenut kien mar mieghu meta giet iffirmata l-kirja tal-hanut. Jghid li hu kien innegozja mal-kerrej precedenti dwar ir-rigal. Jghid li l-konvenut kien prezenti waqt li gie ffirmat il-kuntratt tal-kirja u li l-kera kien ihallasha cash.

Fir-rigward tal-flus ghal dan in-negozju jghid li hu kellu flus tieghu li gab mil-Libja, flus li kien tah il-konvenut biex ihallas id-dejn li kellu mieghu u ha wkoll *loan*. Apparti dawn kien hemm ukoll *loan* iehor li haduh il-genituri tas-siehba tieghu.

Il-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol. 40 et seq fejn qal illi huwa kien ilu jaf lill-attur mill-1988 u dam joqghod mal-familja tieghu hawn Malta ghal cirka sbatax-il sena, f'liema perjodu qatt ma kkontribwixxa b'xi mod ghall-akkomodazzjoni jew ikel. L-attur kien jahdem mieghu fin-negozju li kellu bejn Malta u l-Libja.

Jghid li f'Lulju 2006 kien wasal lura Malta mill-Libja fejn kellu n-negozju u ma kellux hsieb jerga' jmur lura jahdem il-Libja. F'Settembru/Ottubru kien ra avviz ta' *restaurant* ghat-twellija gewwa Wied il-Ghajn u kien talab lill-attur igib aktar informazzjoni. Spjega li kellu

certu problemi fin-negozju mal-Libja li poggih f'posizzjoni imwieghra viz-a-viz l-obbligi li kellu mal-Bank of Valletta u mal-kredituri, u ghalhekk kien qal lill-attur biex ir-*restaurant* ikun fuq ismu u mbaghad eventwalment jirregistraw Kumpanija fejn jidhol maghhom certu Chinappa Loorduswamy li kien ilu jahdem mal-konvenut mill-1993. L-konvenut spjega li huwa ried ikun il-proprjetarju pero jaqsam il-profitti maghhom – vide fol. 41.

Jispjega li n-negozjati fir-rigward tal-kirja tal-fond minn fejn kien se jigi gestit ir-*restaurant* ghamilhom kollha hu. Jispjega illi fil-25 ta' Ottubru 2006 huwa kien ta struzzjonijiet **lil huh u l-mara tieghu**, **li kienu qed izommulu xi flus, biex jittraferixxu Lm20,000 fil-kont tal-attur. Jispjega li c-cheque book u l-internet key kienu dejjem fil-pussess tieghu u li hu kien jimla c-cheques u l-attur kien jiffirmahom.**

Huwa jghid li l-ideja tieghu ma kinitx biss li jaghmel *restaurant* imma li 'l quddiem ikompli jkabbar l-attivita` f'dak li hu prodotti ta' ikel u servizzi. Ghalhekk haseb mill-ewwel biex jirregistra l-marka u dan stante li biex issir l-istess registrazzjoni ma kien hemm l-ebda impedimenti tal-bank jew ta' xi kreditur li seta' johodlu b'xi mod l-istess marka. Ghalhekk kellem lil neputih Miguel Cachia li hu graphic artist u spjegalu xi xtaq jaghmel.

Spjega wkoll li wara li saru s-soliti ricerki da parti tad-Dipartment tat-*Trademarks*, **ghal-liema ricerki huwa kien hallas personalment**, huwa lesta l-applikazzjoni biex jirregistra l-isem u l-marka mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali u ha mieghu ukoll id-disinn li kien ghamillu Miguel Cachia. Ghal dan il-ghan kien talab lill-attur jiffirmalu cheque fl-ammont ta' Lm150.

Jispjega li eventwalment ir-*restaurant* infetah fil-25 ta' Gunju 2007. Jghid illi r-restaurant beda sejjer tajjeb hafna u ghalhekk kien qal lill-attur li kien wasal iz-zmien li tigi registrata Kumpanija biex jissalvagwardjaw l-interessi tieghu u ta' Chinnapppa Loorduswamy li kien qieghed jaghti kontribut kbir ghar-restaurant. Huwa jsostni li kien ikun kuljum prezenti fir-*restaurant* minn filghodu sa tard bil-lejl jamministra u jmexxi n-negozju kollu wahdu.

Meta f'Lulju 2008 ra li ma setghax jasal ghal ftehim dwar il-formazzjoni ta' Kumpanija mal-attur, iddecieda li jaghlaq ir-*restaurant*. Sussegwentement l-attur kien biddel is-serratura tal-post u hu tilef l-access ghall-istess u eventwalment l-attur rega' fetah ir-*restaurant* minghajr il-kunsens tieghu. Ghalhekk kellu jaghmel il-proceduri opportuni sabiex l-attur jigi

mizmum milli juza l-isem Shisha World Cuisine, fejn eventwalment giet intavolata kawza sabiex jirkupra l-assi li kien tilef u wkoll id-danni sofferti, liema kawza ghadha pendenti.

Illi in kontro-ezami il-konvenut a fol. 305 et seq. xehed illi x-xoghol tieghu gol-Libja kien ta' *training and turnkey projects*. Spjega li qatt ma kellu esperjenza fis-settur tal-catering. Spejga li minhabba l-obbligi li kellu mal-Bank huwa kellu jbiegh id-dar tieghu u bil-bilanc seta jibda attivita` biex ikun jista' jissaldja xi krediti li kien baqaghlu.

Jispjega li meta ddecieda li jiftah ir-*restaurant* huwa involva lill-attur u beda jaghmel l-affarijiet fuq ismu. Jghid li l-attur kien qieghed jagixxi f'ismu. Kien hemm ftehim verbali bejnu u bejn l-attur u Chinnappa Loorduswamy sabiex 'il quddiem issir Kumpanija bejniethom.

Il-konvenut jispjega illi l-attur ma kellux permess jahdem hawn Malta u li l-ewwel permess inhareg meta beda fir-restaurant in kwistjoni u ghal dan il-ghan kien ghamillu wkoll Karta ta' l-Identita` u social security number.

Fir-rigward tal-kirja tar-restaurant jispjega li l-ewwel kien bghat lill-attur ikellem lill-kerrej, li certu Ruff, u wara ltaqa' mieghu hu. Hu jispjega li kien prezenti kemm meta sar il-konvenju u kemm waqt il-kuntratt tal-istess kirja. Jispjega li bejn il-konvenju u l-kuntratt hu kien itrasferixxa Lm20,000 f'kont li kien fetah l-attur mal-HSBC fuq ismu fil-fergha taz-Zejtun.

Il-konvenut jghid li l-hsieb mill-bidu nett kien li huwa jkun il-proprejtarju u 'il quddiem jifforma Kumpanija ma' l-attur u Chinnappa.

Jghid li ma zammx id-dritt li jkun jista' jassenja jew jitrasferixxi l-kirja favur Kumpanija ghaliex hu lill-attur kien jafdah. Pero wara li inqratlu klawsola 4 tal-kuntratt ta' kirja Dok FCC1 jghid li jista' jkun li nnegozja hazin.

Fir-rigward tar-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT huwa stqarr illi applika ghal VAT number fuq isem l-attur pero tal-VAT staqsew x'inhi l-attivita u minn fejn se tigi gestita u tahom l-indirizz tieghu ghax dak iz-zmien l-attur kien joqghod mieghu.

Il-konvenut jghid li huwa ma jafx xi tfisser prestanome pero uza lill-attur u mhux lil huh peress li riedu jahdem fir-*restaurant* u kien iktar *close* mieghu u kien joqghod fid-dar mieghu.

Mistoqsi ghaliex allura ma afdax il-flus kollha li f'kont f'isem l-attur u mhux f'isem huh spjega li dak iz-zmien l-attur ma kienx ghad ghandu kont.

Il-konvenut xhed li l-attur kien jiehu paga ta' €700 fix-xahar u dan kien jaghmlu permezz ta' *offsetting* ta' flus li kien jigbed bil-*card* tal-HSBC, ghalkemm jistqarr illi qatt ma kienet cara ghaliex kien qed jithallas l-istess ammont jew ammonti akbar.

Mistoqsi jekk l-attur kienx impjegat tieghu, l-konvenut wiegeb fl-affermattiv.

Jghid li l-ftehim verbali kien li fir-rigward ta' profitti dawn kellhom jinqasmu bejn tlieta pero qatt ma qasmu l-istess profitti ghax kienet ghadha l-ewwel sena. Rigward xi profitti li seta' kien hemm wara huwa jghid li ma jafx x'sar minnhom peress li l-attur ha l-*business*.

Huwa qabel illi ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar is-servizzi ta' prestanome u li n-negozju tar-restaurant kien qed jigi gestit unikament f'isem l-attur.

Jghid ukoll illi l-isem "Shisha World Cuisine" ma gietx utilizzata minnu wara li rregistra l-istess isem. Jghid li l-istess isem kien qed jigi uzat mir-restaurant bil-kunsens tieghu.

Dr. Michael Camilleri rapprezentant tal-Awtorita` Maltija ghat-Turizmu, a fol.53 et seq. u fol. 60 et seq. ezebixxa Dok. MC1 sa MC5 u ikkonferma illi l-Awtorita` giet a konoxxenza li l-istabbiliment in kwistjoni kellu l-isem Shisha wara inspezzjoni `, li sehhet fit-30 ta' Ottubru 2006 (ara Dok MC4). Waqt l-istess inspection jirrizulta li kien hemm prezenti l-attur. Spjega wkoll illi isem il-konvenut ma rrizultax waqt it-tfittxija li saret da parti tal-Awtorita`, u dan la bhala *substitute* u lanqas bhala *licensee*, u lanqas kien hemm xi applikazzjoni pendenti.

Paul Scicluna ghad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud iddikjara a fol. 60 li ma setghax jaghti informazzjoni dwar applikazzjoni maghmula mill-attur peress li kien prekluz milli jaghmel dan ai termini tal-Artikolu 56 (2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank (Malta) plc esebiet tlett *statements* ta' *accounts* f'isem l-attur vide fol. 61. Joseph Sultana, rapprezentant iehor tal-istess Bank, a fol. 260 et. seq. ipprezenta applikazzjoni ta' POS fejn l-attur kien iffirma kuntratt ghall-istess servizz fl-24 ta' Jannar 2007 vide Dok.JS1 a fol. 261. Spjega wkoll illi l-ewwel darba li l-attur ikkomunika mal-Bank fuq l-istess POS kien fid-29 ta' Dicembru 2006 vide xhieda tieghu a fol. 283.

Jennifer Debono ghal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig a fol. 61 sa 62, ipprezentat *employment history* tal-attur, tal-konvenut u lista tal-impjegati fil-fond "Shisha Lounge & Restaurant" u dan ghall-perjodu bejn il-15 ta Novembru 2006 sat-13 ta' Mejju 2009. Stqarret ukoll illi l-attur kien registrat bhala *employer* tal-konvenut, filwaqt li l-posizzjoni tal-konvenut kienet ta' *administrator* u dik tal-attur kienet ta' *Restaurant Director*. L-istess xhud a fol. 260, ipprezentat ukoll ghadd ta' permessi Dok.JD4 sa JD19 li hargu ghal impjegati li kienu jahdmu fl-istess *restaurant*.

Joseph Borg Cardona, r-rapprezentant tal-BOV plc a fol. 62 et seq., esebixxa tlett *statements* ta' *accounts* f'isem l-attur, fosthom *loan account* u *business overdraft* account. Huwa pprezenta wkoll *sanction letter* f'isem l-attur datata 10 ta' Novembru 2008. Ipprezenta wkoll applikazzjoni ghal POS *terminal* fil-hanut in kwistjoni datata 21 jew 29 ta' Dicembru 2006.

Antoinette Schembri, permezz ta' affidavit Dok. AS a fol. 302, xhedet illi bejn Ottubru 2006 u Marzu 2007 kienet tahdem *part-time* mal-Bank of Valletta. Tiftakar illi f'gurnata minnhom fl-imsemmi perjodu ma kinitx xoghol u kienet marret mal-attur u mal-konvenut gewwa t-*Trade Licensing Department* biex jirregistraw l-isem tar-*restaurant* "Shisha". **Hija tghid illi l-ftehim dejjem kien li l-istess registrazzjoni ssir fuq isem l-attur.** Meta waslu vicin l-istess Dipartiment ma sabux fejn jipparkjaw u l-konvenut kien qalilhom biex jistennewh fil-karozza sakemm jidhol jirregistra l-isem tar-*restaurant* fuq isem l-attur. Wara xi nofs siegha il-konvenut hareg u talab lill-attur jiffirmalu *cheque* tieghu stess sabiex ikun jista' jhallas l-ispejjez relatati mar-registrazzjoni tal-isem. L-attur hekk ghamel u l-konvenut rega' dahal id-Dipartiment. Wara li hareg, il-konvenut qalilhom li kien irregistra mhux biss l-isem tar-*restaurant* imma anke l-*artwork* u d-disinn relatati mal-istess isem u anke r-ricetti u l-ikel sabiex dawn ma jkunux jistghu jigu ikkuppjati minn haddiehor.

Miguel Cachia a fol. 303, xehed illi huwa jigi n-neputi tal-konvenut li kien kellmu fir-rigward tal-isem "Shisha" u fuq l-ideja li kellu fuq ir-restaurant li kien behsiebu jiftah. Il-konvenut kien tah il-kuncett u kien kellmu fil-kapacita` tieghu ta' *graphic designer*. Ghalhekk hadu hsieb kull tip ta' *design*, *branding* u *interior design*.

Jghid li kien il-konvenut li tah l-idea inizjali u kellu diga idejat u Miguel Cachia zviluppahom sakemm hareg il-prodott finali fir-rigward tal-isem u l-*logo*. Jispjega illi bhala disinn finali ghamlu abbazi tal-kuncett tal-konvenut u l-prodott finali gie konsenjat lill-istess konvenut. Miguel xhed : ***"kull meta ltajt mieghu biex niddiskuti l-inkarigu tieghi dejjem iltajt mieghu (Frank Cachia) biss."*** A fol. 303.

Jghid illi l-isem "Shisha" kien tahulu l-konvenut l-ewwel darba li ltaqghu u cioe fit-13 ta' Dicembru tas-sena qabel fetah ir-*restaurant*. Huwa jghid ukoll li ma kienx thallas peress li l-konvenut kien zijuh. Muri Dokumenti FC1, FC2 u FC3 annessi mar-risposta guramentata huwa jikkonferma li dawk huma d-disinji li kien zviluppa ghar-*restaurant* in kwistjoni.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jsisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony***

> ***Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonjiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza odjerna tikkoncerna l-isem kummercjali "Shisha" u lil min mill-partijiet jappartjeni. Filwaqt li l-attur jikkontendi li l-isem origina minn ideja tieghu u li kien jaghmel uzu minn dan l-isem qabel il-konvenut irregistra l-istess isem mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali, l-konvenut isostni l-isem "Shisha" kien wiehed illi ikkreja hu u li hadem fuqha sakemm zviluppa l-prodott finali.

Illi permezz ta' digriet datat 4 ta' Settembru 2008, in segwitu tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1330/2008 din il-Qorti kif diversament prejseduta, laqghat talba tal-konvenut odjern sabiex l-attur f'dawn il-proceduri jigi inibit milli jkompli juza l-isem "Shisha" fir-*restaurant* li jinsab fi Triq il-Gardiel, Marsascala.

Illi sussegwentement il-konvenut intavola il-kawza li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li fiha talab ghar-risarciment tad-danni, filwaqt li l-attur intavola l-kawza odjerna.

Illi biex isahhah it-tezi tieghu, l-attur ipproduca diversi rapprezentanti ta' Banek u awtoritajiet governattivi li xehdu dwar kontijiet bankarji intestati f'isem l-attur wahdu u wkoll dwar l-permessi tar-*restaurant* in kwistjoni u dwar ir-registrazzjoni tal-attur bhala *employer* ta' numru ta' haddiema fir-*restaurant* tieghu.

Illi minn ezami tar-rendikonti esebiti mill-Banek BOV u HSBC, jidher illi sakemm il-konvenut kien ghadu jattendi r-*restaurant* in kwistjoni, kien hemm numru kbir ta' transazzjonijiet li saru kemm permezz ta' *debit card* kif ukoll permezz tal-*internet banking*.

Dawn it-transazzjonijiet ma jidhrux li huma kollha relatati man-negozju gestit mill-istess *restaurant*.

Il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi prodotti fil-kawza odjerna, b'mod specjali x-xhieda tal-partijiet u l-familjari taghhom. Illi din ix-xhieda hija wahda konfliggenti ghall-ahhar.

Illi permezz tal-ewwel talba l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tikkonferma illi hu kien jaghmel uzu mill-isem "Shisha" qabel l-applikazzjoni u r-registrazzjoni maghmula favur il-konvenut mid-Direttorat tar-Registrazzjoni ta' Proprjeta` Industrijali.

Illi mill-provi migjuba fil-kawza odjerna, jirrizulta illi l-applikazzjoni relattiva ghall-isem "Shisha World Cuisine" saret fl-**20 ta' Dicembru 2006,** b'effett mill-istess data ta' registrazzjoni. Illi l-konvenut fil-fatt ghandu registrat il-*logo,* inkluz il-kliem "Shisha" ghar-rigward ta':-

i. *Meat, poultry and game, cooked vegetables*[1]
ii. *Providing of food and drink*[2]
iii. *Rice, bread, pastry and confectionery services, spices, tabbaulah*[3]

Illi l-partijiet jaqblu illi r-*restaurant* infetah lejn l-ahhar ta' Gunju 2007. Miguel Cachia, *graphic designer* u neputi tal-konvenut, stqarr illi l-konvenut kien kellmu dwar l-ideja tieghu fit-**13 ta' Dicembru 2006** u cioe ftit jiem qabel ma l-konvenut kien mar biex jirregistra l-istess isem. Illi pero jirrizulta wkoll illi waqt spezzjoni li saret fit-30 ta' Ottubru 2006 mill-Ispettur tal-Awtorita` tat-Turizmu, li ghaliha kien prezenti l-attur, l-Ispetturi nizzlu li l-isem tal-hanut kien "Shisha". Mill-lista ta' impjegati registrati mal-ETC mill-15 ta' Novembru 2006 sat-13 ta' Mejju 2009[4] jirrizulta illi l-attur irregistra l-bidu tal-impjieg tieghu fl-istess *restaurant* fil-15 ta' Novembru 2006 bhala "Restaurant Director" filwaqt li l-impjegati kollha l-ohra, inkluz il-konvenut, bdew l-impjieg taghhom fis-sena 2007 ad eccezzjoni tal-*Head Chef,* Yesudas Antony Swamy, li beda fl-impjieg tieghu fit-12 ta' Dicembru 2006. Illi pero minn apprezzament tad-dokumenti ezebiti mir-rapprezentanta tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, l-Qorti taghraf illi r- *restaurant* beda jiffunzjoni ghall-habta ta' Gunju 2007 meta

[1] Dok FC1 a fol. 14
[2] Dok FC2 a fol. 15
[3] Dok FC3 a fol. 16
[4] Dok JD3

gew registrati l-maggor parti tal-impjegati. Illi mid-dokumenti JD4 sa JD19 (ara fol 267 sa 282), ipprezentati mill-istess xhud jirrizulta illi apparti l-applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja ta' xoghol ghal certu Anthony Swamy Yesudas, **l-applikazzjonijiet l-ohra kollha huma iffirmati mill-konvenut u dan sa meta nqala' l-inkwiet bejn il-partijiet.**

Illi l-Qorti taghraf illi f'dan il-punt ghandha tezamina r-relazzjoni li kienet tezisti bejn il-partijiet fir-rigward tal-istess negozju. Illi ghalkemm ma jaqblux fuq l-perijodu ta' zmien, iz-zewg partijiet jaqblu li l-attur kien jghix mal-konvenut ghal numru ta' snin. Illi filwaqt li l-attur jghid li kien hu li ried jiftah *restaurant*, il-konvenut jghid li l-ideja kienet tieghu u li dahhal fil-bicca tax-xoghol lill-attur ukoll fis-sens li aktar 'il quddiem fiz-zmien kellu l-hsieb li jifforma Kumpanija bis-sehem tal-attur ukoll.

Illi l-konvenut jaghti spjegazzjoni l'ghaliex ma' terzi kien qieghed jidher l-attur u dan sabiex ma jkollux inkwiet mal-kredituri tieghu. Li l-konvenut kellu xi kredituri gie ammess mill-istess attur stante li hu stess jghid li gieli kienu jmorru klijenti fir-*restaurant* u ma jhallsux stante li kienu kredituri tal-konvenut.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-involviment konsiderevoli fil-gestjoni ta' kuljum tar-restaurant titfa' dawl fuq is-sehem li kellu l-konvenut fl-istess attivita`. Huwa inverosimili li persuna tiddedika daqshekk hin u nteress meta ma tkun involuta jew ma jkollha l-ebda interess fl-istess negozju. Illi l-involviment tal-konvenut fir-*restaurant* kien imur ferm lil hinn minn semplici daqqa t'id. Ghalhekk l-Qorti taghraf li ghandha taghti affidament izjed lill-verzjoni tal-konvenut u cioe illi l-attur kien jaf perfettament illi l-istess konvenut kien il-gestur principali tal-istess negozju. Illi r-rwol tal-attur f'dan kollu kien ta' paraventu ghall-konvenut stante li kif jirrizulta mill-atti, hafna mid-dokumenti koncernanti awtoritajiet varji, kienu, fil-maggor parti taghhom iffirmati minnu. Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal uhud mill-formoli ta' registrazzjoni ta' impjegati mal-ETC minn fejn jirrizulta illi fil-maggor parti taghhom kienu ffirmati mill-konvenut.

**Il-Qorti taghmel accenn ukoll ghas-somma inizjali ta' ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) depozitati mill-konvenut fil-kont tal-attur li kellu fil-Bank HSBC**. Illi ghalkemm l-attur jallega li l-konvenut kien debitur tieghu jew ta' missieru fis-somma ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000) **l-attur naqas** milli jipproduci almenu xrara ta' prova sabiex jissostanzja dan. Di piu' ma jirrizulta minn imkien, r-raguni ta' dan is-self. Illi l-

Qorti tat piz ukoll ghal-fatt illi l-konvenut halla taht il-kontroll tieghu dan l-kont bankarju billi kien hu biss li seta' jaccedi ghalih eletronikament.

Il-konvenut da parti tieghu jispjega li l-imsemmija ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) li kienu qeghdin mizmumim f'kont ta' huh, gew trasferiti f'kont tal-attur sabiex jinbeda l-istess negozju.

Illi fuq il-kwistjoni ta' meta l-partijiet marru flimkien biex tigi registrata l-istess *trademark*, l-Qorti rat u ezaminat x-xhieda ta' Antoinette Schembri, il-*partner* tal-attur, li tafferma:

> *"Nghid illi l-ftehim dejjem kien illi din ir-registrazzjoni ssir fuq isem Ashraf El Khabuli. Nghid illi meta wasalna vicin ta' dan id-Dipartiment ma konniex sibna fejn nipparkjaw u Frank Cachia kien qal kemm lili u ukoll lil Ashraf sabiex nistennewh fil-karozza sakemm jidhol* ***jirregistra l-isem tar-restaurant fuq isem Ashraf El Khabuli."*** - vide. fol. 302

Dan jikkuntrasta serjament ma' dak li xehed l-istess attur, fejn fuq din ic-cirkostanza partikolari jghid :-

> *"Eventwalment ridt nirregistra t-trademark.....Ghalhekk jiena, certu Antoinette Schembri u l-konvenut morna biex nirregistraw l-isem izda dahal il-konvenut wahdu sabiex ihallas u kien biss wara li hu fetah kawza kontrija li jiena sirt naf li kien irregistra l-isem Shisha f'ismu peress illi jiena* ***kont assumejt li la l-ideja kienet tieghi l-isem kien ser jirregistrah f'ismi****."* - a fol. 257.

Illi minn din l-istess xhieda jirrizulta illi, kuntrarjament ghal dak li xehdet Antoinette Schembri, ma kien hemm ebda ftehim ***a priori*** bejn l-attur u l-konvenut rigwardanti r-registrazzjoni tal-isem in kwistjoni.

Illi ghalhekk, ghalkemm ma jistax jigi eskluz li forsi seta' sar xi diskors anke da parti tal-attur, meta kienu jsiru d-diskursati dwar l-ideja tar-*restaurant*, jirrizulta illi kien il-konvenut, bl-ghajnuna anke ta' Miguel Cachia, li fl-ahhar mill-ahhar, zviluppa l-idea tal-isem tar-

*restaurant* u l-pakkett shih, ghall-liema pakkett giet registrata it-*trade mark* in kwistjoni mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali.

Li kien hemm xi forma ta' assocjazzjoni johrog car, anki mil-mod kif xehed l-istess attur li hafna drabi jitkellem fil-plural. Il-Qorti taghraf illi din m'hijiex rezultat ta' differenza kulturali.

Il-Qorti rat u ezaminat il-fatt li f'Ottubru 2006 l-Ispettur tal-Awtorita` tat-Turizmu sab li l-isem tal-hanut kien "Shisha" u li l-attur kien prezenti waqt l-istess spezzjoni. Il-Qorti irriflettiet dwar x'piz ghandu jinghata lil dan il-fatt u taghraf li ma tisghax tikkonkludi illi b'daqshekk l-attur kien qieghed jaghmel uzu mill-istess isem qabel ma gie irregistrat l-istess isem kummercjali mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex fid-data tal-ispezzjoni, r-*restaurant* kien ghadu mhux qed jiffunzjona. Illi di piu' l-attur ma gab ebda prova illi turi b'mod sodisfacenti l-isem kummercjali ta' "Shisha" kien fir-realta' kreat minnu b'xi att pozittiv da parti tieghu. Ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi u cioe' fuq bilanc ta' probbabilta' illi huwa kien qed jaghmel uzu mill-istess isem qabel ma gie registrat mill-konvenut.

Illi ghar-rigward ta**t-tieni talba** tal-attur il-Qorti ezaminat l-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi is-segwenti:-

> ***"Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skont il-liġi minn ħaddieħor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' ħaddieħor ma jkunux irreġistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta..''***

Illi permezz ta’ din it-talba l-attur qieghed jitlob li jigi dikjarat illi l-isem li bih jopera l-konvenut u cioe “Shisha World Cuisine” jikkostitwixxi konkorrenza sleali. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-attur jiddikjara illi l-isem “Shisha” u “Shisha World Cuisine” kienu simili hafna u ghalhekk kien hemm possibilita` reali anzi probbabilita’ illi kienet ser tinholoq konfuzjoni f’mohh ta’ konsumatur normali.

Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza deciza fil-15 ta’ Marzu 2001 fl-ismijiet **“Road Servicing Limited vs General Road Servies Limited”** jista’ jinghad li l-iskop tad-divjet kontenut fl-artikolu 32 tal-Kap 13 huwa dak li jigi evitat il-holqien t’ ambjent bejn il-varji negozji u l-oggetti tal-kummercjanti, li jtendu biex jikkrejaw kreditu kummercjali mibni fuq pretensjonijiet foloz, u dan huwa applikabbli kemm ghall-oggetti tal-istess natura, kif ukoll tip ta’ attivita’ kummercjali kondotta mill-kontendenti.

Il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti ma jirrizultax, illi l-konvenut ghamel xi uzu mill-istess isem wara li telaq il-gestjoni tar-*restaurant*. Din il-prova kienet tinkombi fuq l-attur stante li kien hu li ghamel l-allegazzjoni. Illi meta gew intavolati il-proceduri odjerni, l-konvenut certament ma kien qed joffri l-ebda konkorrenza sleali fil-konfront tal-attur. **Di fatti, l-istess konvenut stqarr li hu ma utilizzax l-istess isem wara li irregistrah**.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mill-konvenut f’punt 4.4 tan-nota ta’ sottomissjonijiet vide fol.357 tieghu fejn issottometta illi l-fatt li persuna tirregistra *trademark* simili jew identika ghal isem jew kelma uzata precedentement minn persuna ohra ma tikkostitwix *sic et simpliciter* konorrenza sleali.

Illi l-fatt biss li l-konvenut ghandu registrat f’’ismu l-isem in kwistjoni, ma jistghax jibbenefika l-azzjoni ta’ konkorrenza sleali tentata mill-attur. Illi kif gie ritenut fl-appell Kummercjali **Dr. Pio M. Valletta noe vs Benjamin Muscat pro et noe** datata **6 ta’ Marzu 1995** :

> ***“Gie stabbilit minn din l-istess Qorti li biex tezisti dik it-tieni tip ta’ azzjoni u cioe dik ibbazata fuq l-artikoli tal-Kodici tal-Kummerc, biex ghalhekk ikun hemm konkorrenza sleajali, irid***

> ***fl-ewwel lok ikun hemm konkorrenza. Din tezisti biss fejn zewg negozjanti qeghdin jikkompetu fl-istess sfera ta' attivita, fl-istess kuntest ta' zmien u spazju u ghalhekk, fl-istess suq."***

(Vide ukoll **Stephen Meilaq nomine vs Albert W. Salamone** deciza fid-**9 ta' Jannar 1995** u **Dr. Pio M Valletta nomine vs Peter Muscat Scerri** deciza fil-**15 ta' Frar 1995**)

Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova li l-konvenut b'xi mod utlizza l-istess isem ghal xi negozju tieghu, ma tistghax tirrizulta t-tieni talba tal-attur, u dan apparti l-kunsiderazzjonijiet indikati aktar 'l fuq.

Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-attur, u cioe sabiex din il-Qorti tinibixxi lill-konvenut milli juza l-isem "Shisha", l-Qorti tqis illi gialadarba l-konvenut ghandu registrat f'ismu l-isem lamentat, huwa proprjetarju tal-istess ai tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 416 u sakemm id-drittijiet miksuba permezz tar-registrazzjoni ma jigux revokati, din il-Qorti ma tistghax tinibixxi lill-konvenut milli jaghmel uzu tal-istess. Illi ma jirrizultax illi l-attur irrikorra ghar-rimedju moghti lilu minn artikoli 42 u 43 tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta biex jattakka tali registrazzjoni u ghalhekk it-talba tieghu hija insostenibbli.

Illi fir-rigward tar-raba', l-hames u s-sitt talba, siccome ma rrizulta ebda tip ta' konkorrenza sleali da parti tal-konvenut, il-Qorti tqis illi dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------